

# Il-Kobor ta' Marija

Ġanni Camilleri

*"Għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.*

*Ara, minn issa mbierka jgħiduli l-ġenerazzjonijiet kollha." (Lq1, 48)*

Jiena ċert li kulħadd jaqbel li l-Madonna hija l-mara li, sa mill-ħolqien tad-dinja, kienet fil-ħsieb t'Alla biex tkun l-Omm t'Ibnu Ġesù, il-Messija, li kellu jitwieled minnha biex jifdi lill-bniedem. Għaldaqstant, Alla ħaseb biex din ix-Xebba ta' Nażaret, titwieled bla ebda tebgħa ta' dnub; immakulata. Kienet verġni qabel it-twelid, fit-twelid u wara t-twelid ta' Binha Ġesù. Għalhekk Marija hija l-mara l-aktar privileġġjata fost in-nisa kollha; imbierka mill-ġenerazzjonijiet kollha.

Imma forsi xi ħadd jgħidli: "La kellha tkun Omm Alla, mhux għalhekk ġiet imżejna b'dan l-unur kollu!" Iżda l-Madonna hija kbira, għaliex kienet ċkejkna, umli kif stqarret hija stess quddiem l-Anġlu Gabriel: *"Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej; ħa jkun minni skont kellmtek." (Lq1, 38)*. Il-virtù tal-umiltà, hija l-virtù li togħġob ħafna lil Alla. Alla ma jħarisx lejn il-kobor tal-bniedem jekk mhux mil-lenti tal-umiltà. L-anġli li ħaduha kontra Alla, għaliex dehrilhom li huma daqs Alla, ġew imkeċċija 'l barra mit-tgawdija ta' dejjem. L-Arkanġlu San Mikiel jistaqsi: *"Min hu daqs Alla?"* Il-kelma 'qaddejja' kienet tfisser is-sottomissjoni għarrieda t'Alla; qaddejja, lesta li tidħol għal dak kollu li jitlob minnha s-Sid. Fiż-żminijiet diffiċli li għaddejjin minnhom, il-fidi ħadet daqqa ta' ħarta - il-bniedem għamel lilu nnifsu alla.

Il-festa li nfakkru fit-Twelid tal-Verġni Mbierka kull sena fir-raħal tagħna kif ukoll f'irħula oħra f'Malta u f'Għawdex, hija festa kbira li jixraqilha tkun onorata bis-smigħ tal-quddies u bi tqarbina tajba. Għal Malta tagħna, għandha tkun il-ġurnata fejn nuru r-ringrazzjament lejn Marija, l-ewwel nett għaliex fetħitilna mill-ġdid il-Bieb tal-Ġenna li kien ġie magħluq bid-diżubbidjenza tal-ewwel ġenituri, Adam u Eva, kif ukoll għal kemm drabi waqfet magħna fi żminijiet ta' mard, gwerer, ġuħ u nuqqas t'ilma.

Filwaqt li nixtieq il-festa t-tajba u qaddisa lil kulħadd, nagħlaq b'poeżija fl-okkażjoni tal-festa tal-Vitorja.

**Lil Marija Bambina**

*Ġejt nifraħlek, O Bambina,
f'Jum Twelidek, mal-ħolqien.
Int illum ferraħt lid-dinja
u l-ħolqien ħlist mit-telfien.*

*Kont imħabbra mill-profeti,
ġejt imnissla mingħajr dnub.
Inti waħdek u ħadd aktar,
inti llum serraħt il-qlub.*

*Il-Maltin kollha jsellmulek
għax ir-rebħ lil dawn int tajt.
Meta l-għadu ħakem fuqhom;
u Inti talbhom dejjem smajt.*

*F'dan il-jum kbir ta' twelidek,
Verġni u Omm tagħna l-bnedmin,
isma' talbna, O Bambina;
ilqa' talbna l-midinbin.*

*Int ftaħtilna l-Bieb tal-Ġenna
li għalina kien magħluq,
meta Ibnek, Ġesù Sidna,
miet għalija, u għal kull maħluq.*

*Inti biss it-tama tagħna
f'din id-dinja ta' taqlib.
Dawk li tilfu l-fidi f'Alla,
fis int lura erġa' ġib.*

*U minn fost iż-żgħażagħ tagħna
sejjaħ ħafna biex jaqduh
lil Ġesù fis-saċerdozju,
biex servizz qaddis jagħtuh.*

*U ħarisna mill-kurrenti
li jkaxkruna lejn id-dnub;
l-ilbies żieni fi triqatna;
dan minn Alla mhux megħġub!*

*Dan l-iskop tal-ferħ fil-festa
li f'dax-xahar niċċelebraw.
Nieħdu sehem f'li jsir fil-knisja,
u ħafna tfal ukoll naraw.*